**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta' Ottubru 2020.**

**Avviz Numru 239/2019**

**Western Company Ltd**

**Vs**

**Kerry Carmen Freeman**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz tas-socjeta` attrici pprezentat fil-21 ta' Ottubru 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef, hames mija u tlieta u sebghin Ewro u ghoxrin centezmu (Eur10,573.20) rapprezentanti prezz ta' vettura Vauxhall Tigra bin-numru ta' registrazzjoni KER-222 mibjugha u kkonsenjata lilha.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fis-6 ta' Dicembru 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti :

«

1. *Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi t-talba tas-socjeta' hija preskritta stante illi t-talba hija naxxenti minn azzjoni ex contractu u ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni huwa dak ta' hames (5) snin;*

2. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tas-socjeta' hija wahda li tikser id-drittijiet ta' l-esponenti ghaliex bhala stat ta' fatt il-pretensonijiet u t-talbiet ta' l-imsemmija socjeta' huma msejsa fuq kuntratt illi fih jezistu numru ta' irregolaritajiet b'nuqqas ta' buona fede fil-konfront tal-esponenti u ksur tad-drittijiet liema drittijiet stess huma bazilari u li ghandhom jigu, protetti f'negozju ta' dan it-tip fil-konfront tal-esponenti stess qua konsumaturi wkoll*

*kemm taht il-protezzjoni specjali tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u kemm fid-dawl tal-Ligi Civili nostrana, u li minhabba fihom, l-esponenti qieghda tkun ingustament u abbuzivament interpellata sabiex thallas dan l-ammont;*

3. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju jigi rilevat illi t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata kemm fattwalment kif ukoll legalment stante illi mhuwiex minnu illi ghad hemm bilanc pendenti ta' ghaxart elef u hames mija u tlieta u sebghin ewro u ghoxrin centezmu [10,573.20] u kwindi t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha;*

4. *Illi inoltre jigi rilevat illi l-vettura imsemmija kellha diversi hsarat u fil-fatt giet moghtija lill-esponenti difettuza u fil-fatt l-istess esponenti kellha taghmel diversi tiswijiet fuqha;*

5. *Illi ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti mill-esponenti;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jigu permessi skond il-ligi u awtorizzati minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.* »

Semghet lil Charles Bianco in rapprezentanza tas-socjeta` attrici;

Rat id-dokumenti esebiti ;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tas-socjeta` attrici ;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

**Ikkunsidrat :**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta eccepiet illi t-talba attrici hija preskritta bil-preskrizjoni ta' hames (5) snin stante li hija naxxenti minn azzjoni *ex contractu*.

Illi **Charles Bianco**, direttur tas-socjeta` attrici, xehed illi f'Jannar 2012 l-istess socjeta` kienet bieghet vettura tat-tip Vauxhall Tigra lill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni

KERR 222 u dan kif jirrizulta minn kuntratt esebit bhala Dokument CB1 a fol. 19 tal-process. Jispjega li l-konvenuta kienet taghmel pagamenti akkont u kull sitt (6) xhur kienu jintbaghtulha *statements* fl-indirizz indikat minnha fuq il-kuntratt.

Illi mill-*statement of account* esebit jirrizulta illi l-ahhar pagament li ghamlet il-konvenuta kien f'Awwissu 2014 fl-ammont ta' mija u hamsa u erbghin ewro (€145).[1] Ix-xhud Bianco esebixxa wkoll ittra ufficjali pprezentata fil-21 ta' Mejju 2019 li permezz taghha is-socjeta` attrici nterpellat lill-konvenut ghall-hlas ta' ghaxart elef, hames mija u tlieta u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€10,573.20), liema ittra giet regolarment notifikata lilha fil-25 ta' Mejju 2019, u ghal-liema ittra hija opponiet permezz ta' Nota pprezentata fil-25 ta' Gunju 2019.[2]

Illi ghalkemm il-konvenuta ma specifikatx l-artikolu ezatt li ghalih qieghda tirreferi meta tghid li l-azzjoni hija preskritta bid-dekors ta' hames (5) snin, il-Qorti ghandha ghaliex tifhem li l-preskrizzjoni sollevata hija dik ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

L-imsemmi artikolu jipprovdi li jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin "***l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."***

B'aktar precizazzjoni riferibilment ghal kaz in kwistjoni jinsab deciz fis-sentenza fl-ismijiet ***"Antonio Attard et - vs- Francesco Micallef", Appell Civili, 20 ta' Awissu 1884***[3] illi *"l' azione nascente da una scrittura privata si prescrive col decorso di anni cinque, ove non sia soggetta a prescrizione piu` breve e questa non sia stata interrotta."*.

Illi mill-*statement* esebit minn Charles Bianco jirrizulta illi l-ahhar pagament li l-konvenuta ghamlet akkont kien f'Awwissu

[1] Dok CB4 a fol.33 *et seq.*
[2] Dok CB2 a fol. 28 *et seq.*
[3] Kollez. Vol. X pagna 550

2014 filwaqt li s-socjeta` attrici pprezentat ittra ufficjali fil-21 ta' Mejju 2019. Kwindi jirrizulta car illi bejn l-ahhar pagament u l-prezentata tal-ittra ufficjali, li permezz taghha giet interrotta l-preskrizzjoni, ma ghaddewx il-hames (5) snin imsemmija fis-su citat artikolu.

Pero`, iktar minn hekk, huwa manifest ukoll illi anke kieku kellu jigi ammess illi f'dan il-kaz hija applikabbli l-preskrizzjoni eccepita taht l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, il-Qorti xorta wahda tqis illi l-konvenuta ma taghtx effett lill-preskrizzjoni minnha eccepita. Dan ghaliex bhala l-eccipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz, il-konvenuta ma segwietx il-procedura rikjesta *ad validitatem* mill-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jistipola illi:-
"

***(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.***

***(2)…***

***(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."***

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***P&S Limited et vs Noel Zammit et***, deciza fis-16 ta' Frar 2018 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn gie trattat l-emendi li saru fl-Artikolu 2160:-
*"… l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili."*

Konsegwentement, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuta ma issodisfatx il-vot tal-ligi biex tista' tibbenefika mill-preskrizzjoni qasira minnha eccepita. Dan ghaliex bl-emenda li saret bl-Att I tal-2017, li gie fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017, is-sitwazzjoni llum hi li galadarba eccepita l-preskrizzjoni partikolari msemmija fl-

Artikolu 2160, il-konvenuta ghandha minn jeddha tghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma tafx li hi debitrici. Fi kliem iehor, il-legislatur impona fuq il-konvenuta nnifsha l-obbligu li tiehu l-gurament, billi nehha minn fuq spallejn l-attur l-obbligu li jaghti huwa stess lill-konvenuta il-gurament decizorju, b'dan illi fin-nuqqas li l-konvenuta tixhed minn jeddha li mhix debitrici, ma tkunx tista' tiehu beneficcju minn din il-preskrizzjoni qasira.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames (5) snin sollevata mill-konvenuta a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez ta' din l-istanza a karigu tal-konvenuta.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

___________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**